MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 252/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet kienu zzewgu fil-21 ta' Dicembru 2013 skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg (Art 19 (1)(d);
3. Illi l-kunsens tal-intimat kien vizjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg (Art 19(1)(f);
4. Illi l-intimat ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg (Art 19 (1) (h);
5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Talbet ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet iccelebrat fil-21 ta' Dicembru 2013, huwa null u nvalidu ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) jew l-Artikolu 19 (1)(f) jew l-artikolu 19 (1)(h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li ssir l-anotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni ;

Rat illi l-intimat, notifikat ma pprezentax risposta u ghalhekk huwa kontumaci f'din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici u l-intimat datat il-21 ta’ Dicembru 2013 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d), 19(1) (f) u 19(1)(h) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta’ Malta.

**Il-verzjoni tal-attrici**

Permezz tal-affidavit taghha[1], l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat gewwa l-Marokk. It-tnejn li huma kellhom zwieg imhassar. Tispjega li kienet tiehu gost titkellem mieghu ghaliex kien jaf jitkellem fuq hafna affarijiet. Kienet sahansitra tiehu l-pariri tieghu u ftit wara ddecidew li jizzewgu. Tammetti li qatt ma tkellmu fuq l-intenzjoni li jibnu familja u tghid li dan seta’ kien zball. Ssostni li ghaliha kienet avventura li tigi Malta ma’ ragel akbar minnha u thoss li dan il-fattur affettwaha hafna. Tispjega li l-hajja intima taghha mal-intimat kienet ftit hafna u din kellha l-effett taghha, ghaliex aktar kienu hbieb milli koppja mizzewga. Tghid li minkejja li kien hemm rispett bejniethom, ma kienx hemm emozzjonijiet ta’ bejn ragel u mara.

[1] Esebit a fol 12 tal-process

In ezami[2], r-rikorrenti tispjega li d-differenza fl-eta' ta' bejniethom hija dik ta' hamsa u ghoxrin (25) sena u tikkonferma wkoll li ma riditx tfal. Tispjega li r-relazzjoni taghhom ma kienitx ta' mara u ragel mizzewgin, ghaliex l-intimat kien ikellimha hazin, ghaliex kien jghir ghaliha. Tispjega wkoll li ilha ma tara lil binha (mhux tal-intimat) sentejn minhabba dan iz-zwieg. Tikkonferma li qatt ma ghexet mal-intimat b'dan li z-zwieg sfaxxa ftit xhur wara li zzewgu.

**Il-Verzjoni tal-intimat**

Permezz tal-affidavit tieghu, l-intimat[3] jghid li ltaqa' mar-rikorrenti gewwa l-Marokk u saru hbieb. Dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet mizzewga izda sussegwentement kienet gabet l-annullament. Jispjega li anke hu kellu zwieg annullat. Jghid li hekk kif bdew johorgu flimkien hadu decizjoni li jizzewgu ta' malajr minghajr ma taw importanza lil certu affarijiet importanti, bhal ma huma l-affarijiet ta' kulljum, ir-religjon u l-familja. Jispjega li bejniethom hemm differenza fl-eta' b'dan li jishaq li r-rikorrenti kienet aktar tarah bhala missier milli bhala r-ragel taghha. Ir-religjon taghhom ukoll kienet tpoggihom f'sitwazzjoni ta' tensjoni.

Jghid li qatt ma kellu l-hsieb li jkollu t-tfal ghaliex ma riedx jerga' jibni familja (tenut kont tal-eta' tieghu), b'dan li kien jahseb li r-rikorrenti kellha l-istess hsieb peress li kellha tifel minn relazzjoni ohra.

Jaghlaq billi jghid li hu impossibbli li hu u r-rikorrenti jghixu flimkien ghaliex hemm differenza fl-eta', religjon, fl-idea ta' familja u l-mod ta' kif jghixu. Jsostni li zbaljaw meta ftehmu li jizzewgu ghaliex ma taw kaz ta' xejn ta' dawn il-fatturi.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

[2] Ara x-xhieda taghha datata t-23 ta' April 2015
[3] Esebit a fol 10 tal-process

Il-qorti tirrileva li l-unika xhieda li tressqu f'din il-kawza kienu fil-fatt il-partijiet.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimat, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat, minhabba anomalija psikologika serja, kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg b'mod mghaggel. Xejn ma hasbu dwar il-konsegwenzi taz-zwieg, dwar il-hajja taghhom bhala koppja mizzewga. Hasbu biss fil-mument u xejn aktar. Il-qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, donnha kienet xi raguni mistura ghaliex iz-zewg partijiet ma jidhlux fil-kwistjoni u t-tnejn li huma jaghtu spjegazzjoni vaga dwar x'seta' wassalhom ghaz-zwieg, ghalkemm ir-rikorrenti tghid li ghaliha kienet ser tkun avventura li tghix f'Malta ma' ragel akbar minnha. Li hu zgur hu li z-zwieg sar malajr minghajr ebda hsieb ta' xejn u minghajr ma l-partijiet irriflettew verament fuq dak li kienu qieghdin jaghmlu.

F'dan l-istadju, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li***

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-qorti thoss li fil-mument propizju, l-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in vista tal-fatt li l-istess partijiet donnhom dahlu ghal dan iz-zwieg bhala xi forma ta’ avventura, minkejja li t-tnejn li huma kellhom diga’ esperjenza ta’ zwieg precedenti.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-intimat inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg, il-qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova ta’ xi forma ta’ simulazzjoni jew eskluzjoni taz-zwieg, anke jekk b’mod parzjali. Huwa minnu li l-partijiet jghidu li eskludew il-possibilita’ li jkollhom l-ulied, pero’ l-fatt li l-istess partijiet jaqblu li qatt ma ddiskutew l-aspett ta’ familja juri kemm verament kien hemm nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju (ghaliex aspetti bhal dawn iridu jigu diskussi mill-partijiet qabel iz-zwieg), imma mhux simulazzjoni ghaliex fil-mument tal-kunsens il-partijiet ma kienu qed jeskludu xejn.

[5] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Tant m'eskludewx li lanqas biss ikkomunikaw ma' xulxin fuq aspett tant importanti (kif fil-fatt gara fuq diversi fatturi jew incidenti ohra).

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-qorti tirrileva, li r-rikorrenti ma rnexxielha ggib ebda prova li permezz taghha setghet tipprova li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu.

Illi dwar Artikolu 19(1)(h) u cioe' li l-kunsens ta' l-intimat kien vizzjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[7] fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sifficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fil-hin tal-kunsens, l-intimat ma setax jaghti kunsens liberu u ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Prova dwar dan ma tressqitx, tant li ghajr ghall-partijiet innifishom, l-ebda xhud iehor ma tressaq sabiex jipprova jikkorrabora l-verzjoni tal-partijet. Dan ifisser li t-talba attrici ma tistax tigi milqugha abbazi ta' dan l-Artikolu.

---

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[7] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[8], fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra, jerga' jigi rilevat li ma tressqet ebda prova li permezz taghha tista' b'xi mod twassal lill-qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista' jkun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell